# Association For Consumer Rights (Malta)

**Pope Pius XII, Flat 4, Mountbatten Street, Blata l-Bajda**
**Hamrun HMR 1579, Malta**
**Tel no 356 21246982, 356 21248881**
**Email: associationforconsumerrights@gmail.com**
**www.acrmalta.weenly.com**

**22.10.15**

**Stqarrija ghall-istampa**
**L-Istrategija tal-Bagit 2016 u r-rohs mistenni fil-prezzijiet ta' l-energija**

L-Assocjazzjoni ghad-drittijiet tal-Konsumatur taqbel bil-proposti fil-bagit li jitkomplew l-inizzjativi kontra s-serq ta' l-elettriku u li tissahhah id-distribuzzjoni ta' l-elettriku f'diversi centri biex ic-cittadin ikun moqdi b'aktar sigurta'. Madankollu l-Assocjazzjoni tinsab mhassba b'dak li gie propost fil-bagit 2016 fejn l-prezz tal-gass qed jinghad li se jkun inzamm 'stabbli' ghal dawn l-ahhar 9 xhur, li allura se jinkludi ix-xhur tax-xitwa; fi kliem iehor, dan ifisser li l-prezz tal-gass ma jkunx gie mrahhas ghal dawn l-ahhar disa xhur sa tmiem l-2015. Din il-politi*k*a ta' 'stabblilita' jew ahjar ta' ebda rohs tal-prezzijiet se tkun tapplika ukoll ghall-prezzijiet tal-*fuels* sa l-ahhar tas-sena 2015

Il-konsumaturi Maltin u Ghawdxin gew ukoll milquta direttament min-nuqqas ta' roħs fuq it-tarrifi tad-dawl, minkejja r-roħs qawwi li seħħ fl-aħħar sena fil-prezz internazzjonali taż-żejt. Il-mod ta' kif qed jittiehdu dawn Id-decizjonijiet huwa inkwetanti ghax qed jirrifletti nuqqas ta' strategija fit-tul, fejn qed naraw minflok, li m'hemmx bazi li tiggustifka il-bzonnijiet tac-cittadin

L-Assocjazzjoni ghad-drittijiet tal-Konsumatur temmen li ghandu jkun hemm strategija bi pjan ekonomiku serju biex nizguraw li l-pubbliku jgawdi mir-rohs tal-prezzijet skond iz-zmien meta ir-rati tal-prezzijiet tas-swieq Ewropej u dawk internazzjonali huma kompetttitvi u favorevoli. Dan kollu meta tqis ukoll taxi indiretti, li qed ihallu impatt negattiv fuq l-gholi tal-hajja specjalament fuq il-penzjonanti u familji f'riskju ta' faqar. Kif sar jaf kulhadd, l-gholi tal-hajja f'Malta huwa l-ghola fl-Ewropa

L-Assocjazzjoni ghandha thassib serju dwar is-sitwazzjoni tat-trasport pubbliku fejn hemm bzonn jigu indirizzati fl-iqsar zmien possibli aspetti bhall-immangjar ahjar tar-rotot biex jonqos id-dewmien tat-traffiku, li qed ifisser aktar spejjez ghall-uzu ta' fuels bla bzonn, problemi ta' spazju ghall-parkegg, li l-Kunsilli Lokali jistghu jindirizzaw, in-nuqqas ta' fiducja tan-nies fit-trasport pubbliku, id-dewmien li bhala rizultat il-haddiema qed jaslu tard ghax-xoghol ghad-dannu ta' min ihaddem.

Hemm bzonn ghalhekk li tinghata prijorita' assoluta ghal pjan fit-tul, biex nindirizzaw din is-sitwazzjoni, pjan li jista verament jibda jitwettaq mill-aktar fis possibbli b'allokazzjoni ta'

finanzi necesssarji anki jekk dan ikun ifisser li progetti ohra kbar, li m'humiex daqshekk importatnti jistennew

***Barbara Buttigieg,***
***Relazzjonijiet Pubblici***
***Assocjazzjoni ghad-Drittijiet tal-Konsumatur***